# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tas-27 ta' Ottubru 2009

## li taħtar membru Olandiż fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

(2009/798/KE, Euratom)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 259 tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 167 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni 2006/651/KE, Euratom [1],

Wara li kkunsidra l-Proposta tal-Gvern Olandiż,

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Kummissjoni,

Billi konsegwentement għat-tmiem tal-mandat tas-Sur J.W. VAN DEN BRAAK, sar vakanti siġġu ta' membru fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Hija b'dan maħtura membru s-Sinjura J.A. VAN DEN BANDT-STEL, permanent gedelegeerde VNO-NCW te Brussel (Grupp I - Grupp ta' Min Iħaddem), kif indikat mill-Ministru tal-Ekonomija Olandiż, fil-Kumitat Ekonomku u Soċjali Ewropew għall-bqija tal-mandat attwali, jiġifieri sal-20 ta' Settembru 2010.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha jkollha effett fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Lussemburgu, is-27 ta' Ottubru 2009.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

C. BILDT

(1) ĠU L 269, 28.09.2006, p. 13.